SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

17 ta' Diċembru 2020*

"Appell – Aċċess għad-dokumenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) – Deċiżjoni 2004/258/KE – Artikolu 4(3) – Eċċezzjonijiet – Dokument rċevut mill-BĊE – Opinjoni mingħand fornitur estern – Użu intern fil-kuntest ta' deliberazzjonijiet u konsultazzjonijiet preliminari – Rifjut ta' aċċess"

Fil-Kawża C-342/19 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fit-30 ta' April 2019,

Fabio De Masi, residenti f'Hamburg (il-Ġermanja),

Yanis Varoufakis, residenti f'Ateni (il-Greċja),

irrappreżentati minn A. Fischer-Lescano, Universitätsprofessor,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), irrappreżentat minn F. von Lindeiner u A. Korb, bħala aġenti, assistiti minn H.-G. Kamann, Rechtsanwalt,

konvenut fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, L. Bay Larsen (Relatur), C. Toader, M. Safjan u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, Fabio De Masi u Yanis Varoufakis jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Marzu 2019, De Masi u Varoufakis vs BĊE (T-798/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2019:154), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tagħhom intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) tas-16 ta' Ottubru 2017 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kontenzjuża") li rrifjutatilhom l-aċċess għad-dokument tat-23 ta' April 2015, redatt minn fornitur estern fuq talba tal-BĊE, intitolat "Risposti għal domandi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14.4 tal-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew" (iktar 'il quddiem id-"dokument kontenzjuż").

Il-kuntest ġuridiku

Id-Deċiżjoni 2004/258

2 Il-premessi 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew 2004/258/KE tal-4 ta' Marzu 2004 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 5, p. 51), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (UE) tal-21 ta' Jannar 2015 (ĠU 2015, L 84, p. 64) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni 2004/258"), tipprovdi:

> "(3) Għandu jingħata aċċess aktar wiesa' għad-dokumenti tal-ECB, filwaqt li fl-istess ħin jiġu protetti l-indipendenza tal-ECB u tal-banek ċentrali nazzjonali (NCB) previżta bl-Artikolu 108 tat-Trattat u l-Artikolu 7 ta' l-Istatut, u l-kunfidenzjalità ta' ċerti kwistjonijiet speċifiċi għat-twettiq tal-ħidmiet tal-ECB. Biex tiġi salvagwardjata l-effettività tal-proċess li fih jittieħdu d-deċiżjonijiet tal-ECB, inklużi l-konsultazzjonijiet u l-preparazzjonijiet interni tiegħu, il-proċedimenti tal-laqgħat tal-korpi tal-ECB responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet huma kunfidenzjali, sakemm il-korp relevanti jiddeċiedi li jippubblika r-riżultat tad-dibattiti tiegħu.
>
> (4) Madankollu, ċerti interessi pubbliċi u privati għandhom jiġu protetti b' mod ta' eċċezzjoni. […]"

3 Skont l-Artikolu 3(a) ta' din id-deċiżjoni, għall-finijiet tagħha, "dokument" u "dokument tal-ECB" għandhom ifissru kull kontenut ikun liema jkun il-medju tiegħu (miktub fuq karta jew maħżun f'forma elettronika, bħala reġistrazzjoni awdjo, viżiv jew awdjoviżiv) stabbilit jew miżmum mill-BĊE u li jirrigwarda l-politiki, attivitajiet jew deċiżjonijiet tiegħu, kif ukoll id-dokumenti li joriġinaw mill-Istitut Monetarju Ewropew (IME) u mill-Kumitat tal-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-Istati Membri tal-Komunità Ekonomika Ewropea.

4 Bit-titolu "Eċċezzjonijiet", l-Artikolu 4(2), (3) u (5) tal-imsemmija deċiżjoni jipprovdi:

> "[2.] Il-ECB għandu jiċħad l-aċċess għal xi dokument fejn il-pubblikazzjoni ddgħajjef il-protezzjoni ta':
>
> […]
>
> – […] l-avviż legali,
>
> – […]
>
> sakemm ikun hemm interess pubbliku superjuri għall-pubblikazzjoni.

[3.] L-aċċess għal dokument abbozzat jew irċevut mill-BĊE għal użu intern bħala parti mid-deliberazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet preliminari fi ħdan il-BĊE, jew għall-iskambju ta' fehmiet bejn il-BĊE u l-BĊNi, NCA jew NDA għandu jkun miċħud anki wara li d-deċiżjoni tkun ittieħdet, ħlief jekk ikun hemm interess pubbliku superjuri fl-iżvelar.

[…]

[5.] Jekk xi partijiet biss tad-dokument mitlub ikunu koperti b' xi waħda mill-eċċezzjonijiet [jew b'diversi], il-partijiet li jifdal tad-dokument għandhom jiġu kkomunikati. […]"

5 Skont l-Artikolu 7(2) ta' din id-deċiżjoni:

"Fil-każ ta' ċaħda totali jew parzjali, l-applikant jista', f'għoxrin ġurnata ta' xogħol li jirċievi r-risposta tal-ECB, jagħmel applikazzjoni ta' konferma fejn isaqsi lill-Bord Eżekuttiv tal-ECB biex jirrikunsidra l-pożizzjoni tiegħu. Barra dan, in-nuqqas tal-ECB biex iwieġeb fil-limitu ta' żmien preskritt ta' għoxrin ġurnata ta' xogħol biex jipproċessa l-applikazzjoni tal-bidu għandha tintitola lill-applikant biex jagħmel applikazzjoni ta' konferma."

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001

6 Il-premessi 1 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331) jipprovdu:

"(1) It-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jħaddan fih il-kunċett ta' trasparenza, billi jgħid li t-Trattat huwa stadju ġdid fil-proċess tal-ħluq ta' għaqda dejjem eqreb fost il-popli ta' l-Ewropa, fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu bl-aktar mod miftuħ, u l-eqreb liċ-ċittadin, possibbli.

[…]

(4) L-iskop ta' dan ir-Regolament huwa li jagħti l-akbar effett possibbli lid-dritt ta' l-aċċess pubbliku għad-dokumenti u li jistipula l-pinċipji ġenerali u l-limiti fuq dan l-aċċess skond l-Artikolu 255(2) tat-Trattat tal-KE."

7 Bit-titolu "Eċċezzjonijiet", l-Artikolu 4(2) u (3) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"2. L-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw aċċess għal dokument meta l-iżvelar tiegħu jista' jdgħajjef il-ħarsien ta':

– […] pariri legali,

– […]

jekk ma' jkunx hemm interess pubbliku akbar fl-iżvelar tiegħu..

3. Aċċess għad-dokument, miktub minn instituzzjoni għall-użu intern jew irċevut minn instituzzjoni, dwar kwistjoni fejn id-deċiżjoni ma ttiħditx mill-istituzzjoni, għandu jiġi rifjutat jekk l-iżvelar tad-dokument serjament idgħajjef il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni, jekk m'hemmx interess pubbliku akbar fl-iżvelar tiegħu.

Aċċess għad-dokument li fih opinjonijiet għall-użu intern bħala parti minn deliberazzjoni u konsultazzjonijiet preliminarji fl-istituzzjoni kkoncernat għandu jiġi rifjutat anke wara li tittieħed id-deċiżjoni jekk l-iżvelar tad-dokument serjament idgħajjef il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni, jekk m'hemmx interess pubbliku akbar fl-iżvelar tiegħu."

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata

8 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti mill-Qorti Ġenerali fil-punti 1 sa 6 tas-sentenza appellata u jistgħu, għall-bżonn ta' din il-proċedura, jitqassru kif ġej.

9 Permezz ta' ittra tal-24 ta' April 2017, F. De Masi u Y. Varoufakis talbu lill-BĊE, abbażi tad-Deċiżjoni 2004/258, l-aċċess għall-pariri legali esterni kollha li l-BĊE kien talab sabiex jeżamina d-deċiżjonijiet tiegħu tal-4 ta' Frar u tat-28 ta' Ġunju 2015 dwar il-provvista ta' likwidità b'urġenza mogħtija mill-Bank Ċentrali Grieg lil banek Griegi.

10 Permezz ta' ittra tal-31 ta' Mejju 2017, il-BĊE informa lill-appellanti li huwa ma kienx talab pariri legali għall-imsemmija deċiżjonijiet. Barra minn hekk, huwa informahom bl-eżistenza tad-dokument kontenzjuż.

11 Permezz ta' ittra tas-7 ta' Lulju 2017, l-appellanti talbu lill-BĊE l-aċċess għal dan id-dokument.

12 Permezz ta' ittra tat-3 ta' Awwissu 2017, il-BĊE rrifjuta dan l-aċċess abbażi, minn naħa, tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-pariri legali, prevista fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2004/258 u, min-naħa l-oħra, tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tad-dokumenti intiżi għal użu intern, prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) ta' din id-deċiżjoni.

13 Permezz ta' ittra tat-30 ta' Awwissu 2017, l-appellanti ppreżentaw talba konfermattiva għal aċċess għad-dokument kontenzjuż, abbażi tal-Artikolu 7(2) tal-imsemmija deċiżjoni.

14 Permezz ta' ittra tas-16 ta' Ottubru 2017, il-BĊE kkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-3 ta' Awwissu 2017 li tirrifjuta l-aċċess għad-dokument kontenzjuż abbażi tal-istess eċċezzjonijiet bħal dawk indikati f'din id-deċiżjoni.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

15 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Diċembru 2017, F. De Masi u Y. Varoufakis ippreżentaw rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

16 Insostenn ta' dan ir-rikors, l-appellanti invokaw, essenzjalment, żewġ motivi, ibbażati, rispettivament, fuq ksur tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2004/258 u fuq ksur tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) ta' din id-deċiżjoni.

17 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-appellanti bħala infondat. Fi tmiem l-eżami tat-tieni motiv, hija ddeċidiet, fil-punt 74 ta' din is-sentenza, li l-BĊE seta', ġustament, jibbaża r-rifjut tiegħu li jagħti l-aċċess għad-dokument kontenzjuż fuq l-eċċezzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258. Hija qieset, konsegwentement, li ma kienx meħtieġ li teżamina l-ewwel motiv dwar l-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess prevista fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) ta' din id-deċiżjoni.

18 Fir-rigward tal-ewwel parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq applikazzjoni żbaljata tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tad-dokumenti intiżi għal użu intern, il-Qorti Ġenerali qieset li ma kienx neċessarju li tiġi pprovata l-eżistenza ta' preġudizzju serju għall-proċess deċiżjonali skont l-ewwel subparagrafu

tal-Artikolu 4(3) tal-imsemmija deċiżjoni. F'dan ir-rigward, fil-punt 30 tas-sentenza appellata, hija indikat li r-rifjut ibbażat fuq din id-dispożizzjoni jippreżupponi biss li jintwera, minn naħa, li dan id-dokument huwa intiż għal użu intern fil-kuntest ta' deliberazzjonijiet u ta' konsultazzjonijiet preliminari fi ħdan il-BĊE jew ta' skambji ta' opinjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati u, min-naħa l-oħra, li ma jeżistix interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar ta' dan id-dokument.

19 Issa, hija rrilevat li l-BĊE kien, ġustament, qies li d-dokument kontenzjuż kien dokument intiż għal użu intern, fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tal-istess deċiżjoni, sa fejn hija qieset li dan id-dokument kien intiż sabiex jagħti informazzjoni u appoġġ għad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Governattiv fil-kuntest tal-kompetenzi mogħtija lilu fl-Artikolu 14(4) tal-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-BĊE.

20 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punti 44 sa 47 tas-sentenza appellata, l-argument ta' F. De Masi u Y. Varoufakis li l-eċċezzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 ma kinitx tapplika għad-dokument kontenzjuż, għaliex dan kien parir legali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-pariri legali, prevista fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) ta' din id-deċiżjoni.

21 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll, fil-punti 48 sa 52 tas-sentenza appellata, l-argument tal-appellanti li l-kundizzjonijiet previsti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tal-imsemmija deċiżjoni ma kinux issodisfatti, peress li d-dokument kontenzjuż, minn naħa waħda, ma kienx ta' natura interna u, min-naħa l-oħra, ma kienx relatat ma' proċedura konkreta.

22 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali analizzat u ċaħdet, fil-punti 53 sa 58 tas-sentenza appellata, l-ilment ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

23 Fil-punti 62 sa 73 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-tieni parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq l-eżistenza ta' interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar tad-dokument kontenzjuż.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

24 Permezz tal-appell tagħhom, l-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata kollha kemm hi;

– tilqa' t-talbiet ippreżentati fl-ewwel istanza, u

– tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

25 Il-BĊE jitlob:

– iċ-ċaħda tal-appell u

– il-kundanna tal-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

26 Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jqajmu erba' aggravji bbażati, l-ewwel, fuq ksur tal-Artikolu 10(3) TUE, tal-Artikolu 15(1) u tal-Artikolu 298(1) TFUE, kif ukoll tal-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), moqri flimkien mal-Artikolu 52(1) tagħha, it-tieni, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, it-tielet, fuq ksur tal-Artikolu 4(2) u (3) tad-Deċiżjoni 2004/258, u r-raba', fuq ksur tal-Artikolu 4(3) ta' din id-deċiżjoni.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

27 Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' trasparenza sanċit fl-Artikolu 10(3) TUE, fl-Artikolu 15(1) u fl-Artikolu 298(1) TFUE kif ukoll fl-Artikolu 42 tal-Karta, moqri flimkien mal-Artikolu 52(1) tagħha, li fid-dawl tiegħu kellhom jiġu interpretati l-eċċezzjonijiet previsti mid-Deċiżjoni 2004/258.

28 Dan l-aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet.

29 Permezz tal-ewwel parti, il-Qorti Ġenerali hija kkritikata li, fil-punt 29 tas-sentenza appellata, iddeċidiet li fil-kuntest tal-eċċezzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258, il-prova ta' preġudizzju serju għall-proċess deċiżjonali ma hijiex meħtieġa. F'dan ir-rigward, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta bbażat ruħha fuq il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u jikkritikawha li adottat interpretazzjoni tagħha li ma hijiex konformi mal-Artikolu 10(3) TUE, mal-Artikolu 15(1) u mal-Artikolu 298(1) TFUE kif ukoll mal-Artikolu 42 tal-Karta, moqri flimkien mal-Artikolu 52(1) tagħha. Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu l-għan ta' trasparenza estiża u dritt ta' aċċess għad-dokumenti li l-Qorti Ġenerali ma osservatx.

30 Skont l-appellanti, peress li d-dritt primarju jistabbilixxi l-limitu ta' limitazzjoni tal-prinċipju ta' trasparenza, il-BĊE ma jistax inaqqas dan il-limitu billi ma jiħux inkunsiderazzjoni r-rekwiżit ta' preġudizzju serju għall-proċess deċiżjonali, anki jekk tali rekwiżit ma jissemmix fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) ta' din id-deċiżjoni.

31 Il-BĊE jqis li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli. Sussidjarjament, din l-istituzzjoni ssostni li din il-parti tal-ewwel aggravju hija infondata.

32 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li, fil-punt 54 tas-sentenza appellata, tat lill-BĊE marġni ta' diskrezzjoni wiesa' u li b'hekk naqqset il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, bi ksur tad-dritt primarju, b'tali mod li l-evalwazzjoni mwettqa fil-punti 43 *et seq.* ta' din is-sentenza kienet ġiet distorta. Huma jqisu li, minħabba d-dimensjoni tal-prinċipju ta' trasparenza, l-aċċess għad-dokumenti ma hijiex kwistjoni ta' evalwazzjoni. Issa, l-Artikolu 52 tal-Karta jeżiġi li r-restrizzjonijiet potenzjali għal dan il-prinċipju jkunu proporzjonati u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' tali restrizzjonijiet ikunu jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju komplet.

33 Il-BĊE jqis li din il-parti hija inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

34 Fir-rigward tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, għandu jitfakkar li, konformement mat-tieni sentenza tal-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, appell ma jistax ibiddel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita

tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk parti tiġi awtorizzata tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja lment li hija ma tkunx qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali, dan iwassal sabiex tiġi awtorizzata tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kompetenza tagħha fil-qasam tal-appell hija limitata, b'tilwima iktar estiża minn dik li tagħha tkun ħadet konjizzjoni l-Qorti Ġenerali. Fil-kuntest ta' appell, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija għaldaqstant limitata għall-eżami tal-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-motivi u tal-argumenti li jkunu ġew diskussi quddiemha (ara, b'mod partikolari, id-digriet tal-15 ta' Jannar 2020, BS vs Il-Parlament, C-642/19 P, mhux ippubblikat, EU:C:2020:32, punt 24).

35 Issa, l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tad-dritt primarju, kif proposta mill-appellanti, tista' tiġi invokata b'mod utli biss insostenn ta' eċċezzjoni ta' illegalità tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258. Fil-fatt, mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-BĊE kellu l-intenzjoni jirrifjuta l-aċċess għad-dokumenti tiegħu meta l-kundizzjonijiet li l-imsemmija dispożizzjoni tipprevedi jkunu ssodisfatti.

36 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li din l-istess dispożizzjoni ma ssemmi ebda kundizzjoni bħal dik li jinvokaw l-appellanti. Għaldaqstant, jekk jitqies li rifjut ta' aċċess għad-dokumenti tal-BĊE abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 huwa suġġett għal kundizzjoni oħra għajr dik iddefinita fih dan jikkostitwixxi interpretazzjoni *contra legem* ta' din id-dispożizzjoni.

37 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u peress li l-appellanti ma sostnewx espliċitament quddiem il-Qorti Ġenerali li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 kien, minħabba f'hekk, jikser il-prinċipju ta' trasparenza, kif stabbilit mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE jew tal-Karta li huma jinvokaw, għandu jitqies li tali eċċezzjoni ta' illegalità ma tqajmitx fl-ewwel istanza u ma tistax, konsegwentement, tiġi invokata, għall-ewwel darba, fil-kuntest tal-appell.

38 Madankollu, argument li ma jkunx tqajjem fl-ewwel istanza ma jistax jitqies bħala argument ġdid, inammissibbli fl-istadju tal-appell, jekk dan ikun jikkostitwixxi biss elaborazzjoni ta' argument li jkun diġà ġie żviluppat fil-kuntest ta' motiv imressaq fir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali (sentenza tas-16 ta' Novembru 2017, Ludwig-Bölkow-Systemtechnik vs Il-Kummissjoni, C-250/16 P, EU:C:2017:871, punt 29). Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

39 F'dan ir-rigward, għalkemm fir-rikors tagħhom fl-ewwel istanza l-appellanti ċċitaw dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, dawn ma ġewx espliċitament invokati, f'dan ir-rikors, insostenn ta' argument intiż li jistabbilixxi n-nuqqas ta' konformità mal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258.

40 Minn dan isegwi li, sa fejn l-argument sostnut mir-rikorrenti fl-ewwel istanza ma kienx jippreżupponi inkompatibbiltà tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 mal-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt primarju u sa fejn il-kompatibbiltà ta' din l-ewwel dispożizzjoni hija mqegħda inkwistjoni, għall-ewwel darba, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-parti tal-ewwel aggravju ma tistax titqies bħala elaborazzjoni tal-motivi msemmija fir-rikors promotur.

41 Konsegwentement, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

42 Fir-rigward ta' dan l-aggravju meħud fit-tieni parti tiegħu, għandu jiġi rrilevat li l-marġni ta' diskrezzjoni mogħti lill-BĊE mill-Qorti Ġenerali fil-punt 54 tas-sentenza appellata u l-limitazzjoni tal-istħarriġ tal-legalità eżerċitat minn din tal-aħħar kienu jikkonċernaw biss il-kwistjoni dwar jekk interess pubbliku superjuri setax jiġi affettwat mill-iżvelar tad-dokument kontenzjuż. Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma setgħux għalhekk joħolqu distorsjoni fl-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punti 43 sa 52 ta' din is-sentenza, li ma jikkonċernawx l-eżistenza ta' preġudizzju għall-interess pubbliku, iżda r-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw ir-rifjut ta' aċċess għal dokument tal-BĊE u n-natura tad-dokument kontenzjuż. Għaldaqstant, l-argumenti ppreżentat mill-appellanti fuq dan il-punt ma jistgħux jintlaqgħu.

43 Fir-rigward tal-punti 53 sa 58 tas-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali analizzat f'dawn il-punti l-motiv tal-appellanti bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tal-eventwali preġudizzju għall-proċess deċiżjonali. Fid-dawl tal-fatt li l-prova ta' preġudizzju serju għall-proċess deċiżjonali ma hijiex meħtieġa fil-kuntest tal-eċċezzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258, hekk kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali, fil-punt 29 tas-sentenza appellata, il-kunsiderazzjonijiet dwar in-natura u l-intensità tal-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni Ewropea dwar l-eżistenza ta' preġudizzju għall-interess pubbliku kienu fi kwalunkwe każ mingħajr effett fuq l-eżitu ta' dan il-motiv.

44 Konsegwentement, l-argumenti mqajma mill-appellanti fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel aggravju għandhom jiġu miċħuda.

45 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

46 Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali kisret, fil-punti 53 sa 57 tas-sentenza appellata, ir-rekwiżiti ta' motivazzjoni stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-Regolament Nru 1049/2001. B'mod partikolari, huma jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli ammettiet li l-BĊE jista' jibbaża ruħu fuq "effetti ipotetiċi" sabiex jiġġustifika r-rifjut ta' aċċess għad-dokumenti tiegħu. Issa, riskji ġenerali u astratti ma humiex biżżejjed sabiex jiġġustifikaw tali rifjut. Għaldaqstant, din l-istituzzjoni ma spjegatx b'liema mod l-aċċess għad-dokument mitlub jista' jirrestrinġi l-"ispazju ta' riflessjoni" tal-BĊE u jippreġudika konkretament u effettivament l-interess protett mill-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2004/258 li hija tinvoka.

47 Il-BĊE jipproponi li dan l-aggravju jiġi miċħud bħala inammissibbli u sussidjarjament, bħala infondat;

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

48 Qabelxejn, għandu jitfakkar li r-Regolament Nru 1049/2001 ma huwiex applikabbli għad-dokument kontenzjuż, li l-aċċess għalih huwa rregolat mid-Deċiżjoni 2004/258.

49 Fir-rigward tal-allegat ksur tar-rekwiżiti fil-qasam tal-motivazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-imsemmi regolament, li jinvokaw l-appellanti, għandu jiġi kkonstatat li, filwaqt li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) ta' dan ir-regolament jippreżumi li jintwera li l-iżvelar tad-dokument jippreġudika serjament il-proċess deċiżjonali tal-istituzzjoni, tali prova ma hijiex meħtieġa fil-kuntest tal-eċċezzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma kienet obbligata tistħarreġ jekk il-BĊE kienx ipprovda spjegazzjonijiet dwar ir-riskju ta' preġudizzju serju għall-proċess deċiżjonali tiegħu li l-aċċess għad-dokument kontenzjuż seta' jwassal għalih.

50 Fil-fatt, ir-rifjut ta' aċċess għal dokument abbażi tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 jippreżupponi biss li jintwera, minn naħa, li dan id-dokument huwa intiż b'mod partikolari għal użu intern fil-kuntest ta' deliberazzjonijiet u ta' konsultazzjonijiet preliminari fi ħdan il-BĊE u, minn naħa l-oħra, li ma jeżistix interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar ta' dan id-dokument.

51 Għaldaqstant, huwa mingħajr ma kisret ir-rekwiżiti fil-qasam tal-motivazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 55 tas-sentenza appellata, wettqet stħarriġ tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, billi kkonstatat li hija ppreċiżat li d-dokument kontenzjuż kien intiż għal użu intern fil-kuntest ta' deliberazzjonijiet u ta' konsultazzjonijiet preliminari tal-Kunsill Governattiv, li l-iżvelar ta' dan id-dokument kien ser inaqqas il-possibbiltà ta' diskussjoni effettiva, informali u kunfidenzjali bejn il-membri tal-korpi deċiżjonali u, konsegwentement, jirrestringi l-"ispazju ta' riflessjoni" tal-BĊE, u li, barra minn hekk, l-iżvelar tad-dokument kontenzjuż, sa fejn dan huwa iżolat mill-kuntest tiegħu, jirriskja li jippreġudika l-indipendenza tal-membri tal-Kunsill Governattiv.

52 Huwa wkoll b'mod ġust li ġie deċiż, fil-punt 57 tas-sentenza appellata, li l-obbligu ta' motivazzjoni ma jipprekludix lill-BĊE milli jibbaża ruħu fuq kunsiderazzjonijiet li jieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti ipotetiċi li l-iżvelar tad-dokument kontenzjuż jista' jkollu fuq l-ispazju ta' riflessjoni ta' din l-istituzzjoni.

53 Konsegwentement, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tielet aggravju

L-argumenti tal-partijiet

54 Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, li jinqasam f'żewġ partijiet, li essenzjalment jirrigwardaw il-punti 43 sa 50 tas-sentenza appellata, l-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali, minn naħa, kisret il-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258, dwar id-dokumenti intiżi għal użu intern, u tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) ta' din id-deċiżjoni, dwar il-pariri legali u, min-naħa l-oħra, interpretat b'mod żbaljat din l-ewwel dispożizzjoni billi ddeċidiet li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha kienu ssodisfatti f'dan il-każ.

55 B'mod iktar preċiż, fil-kuntest tal-ewwel parti ta' dan it-tielet aggravju, l-appellanti jsostnu li, fid-dawl tal-kliem tiegħu, it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2004/258 jikkonċerna l-"pariri legali", filwaqt li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) ta' din id-deċiżjoni jikkonċerna biss id-dokumenti li jinkludu pariri li ma humiex legali. Issa, il-Qorti Ġenerali hija kkritikata li ma rrispondietx għall-kwistjoni dwar jekk id-dokument kontenzjuż kienx jikkostitwixxi jew le parir legali, fis-sens ta' din l-ewwel dispożizzjoni.

56 Huma jsostnu, f'dan ir-rigward, li peress li d-dokument kontenzjuż jikkostitwixxi risposta astratta u xjentifika għal punt ta' liġi u mhux parir legali, id-dokument kontenzjuż ma jistax jiġi kklassifikat bħala tali, fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2004/258.

57 Konsegwentement, bil-kontra ta' dak li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 43 tas-sentenza appellata, l-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 kellha tiġi esklużа minħabba l-effett ta' mblokk tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) ta' din id-deċiżjoni, li hija *lex specialis* fir-rigward tal-ewwel waħda, sa fejn it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2004/258 jirregola b'mod eżawrjenti l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' trasparenza applikabbli għal dan it-tip ta' dokumenti.

58 Fil-kuntest tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti jikkontestaw l-interpretazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258. F'dan ir-rigward, huma jtennu li, bħat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 huwa intiż li jipproteġi l-integrità tal-proċess deċiżjonali intern tal-BĊE. Madankollu, id-dokument li l-iżvelar tiegħu huwa mitlub ma jaqax taħt

il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-aħħar dispożizzjoni, sa fejn ma huwiex intiż għall-użu intern ta' proċess deċiżjonali preċiż, iżda jikkostitwixxi analiżi esterna intiża li tiddefinixxi "l-qafas estern" tal-kompetenzi tal-BĊE.

59 Il-BĊE jikkontesta dawn l-argumenti u jipproponi li l-aggravju kollu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

60 Fir-rigward tal-ewwel parti, hemm lok, qabelxejn, li jiġi rrilevat li l-formulazzjoni tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2004/258 ma tinkludi ebda indikazzjoni li tista' tagħtiha n-natura ta' *lex specialis* fid-dawl tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) ta' din id-deċiżjoni.

61 Fil-fatt, kif jirriżulta minn din l-aħħar dispożizzjoni, l-eċċezzjoni prevista fiha tirrigwarda dokumenti redatti jew rċevuti mill-BĊE intiżi għal użu intern fil-kuntest ta' deliberazzjonijiet u ta' konsultazzjonijiet preliminari fi ħdan din l-istituzzjoni jew intiżi għal skambji ta' opinjonijiet bejnha u l-awtoritajiet nazzjonali.

62 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 4(5) tad-Deċiżjoni 2004/258, l-istess parti ta' dokument tista' tkun ikkonċernata minn "waħda mill-eċċezzjonijiet [jew b'diversi]" imsemmija fl-Artikolu 4 ta' din id-deċiżjoni. Minn dan jirriżulta li ma jistax jiġi validament sostnut li l-istess dokument ma jistax jaqa' taħt diversi dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2004/258 dwar ir-rifjut ta' aċċess għad-dokumenti previsti minn din id-deċiżjoni.

63 Huwa għaldaqstant b'mod ġust li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 44 sa 47 tas-sentenza appellata, li sabiex jevalwa talba għal aċċess għal dokumenti li huwa għandu, il-BĊE, jista' jieħu inkunsiderazzjoni diversi raġunijiet għal rifjut, f'dan il-każ, kemm ir-raġuni għal rifjut li tinsab fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2004/258 kif ukoll dik li tinsab fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) ta' din id-deċiżjoni.

64 Għaldaqstant, huwa indifferenti, għall-applikazzjoni tal-eċċezzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258, li d-dokument kontenzjuż jista' wkoll jiġi kklassifikat bħala "parir legali" fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) ta' din id-deċiżjoni. Fil-fatt, l-invokabbiltà tal-eċċezzjoni msemmija f'din l-ewwel dispożizzjoni ma ġietx suġġetta mil-leġiżlatur tal-Unjoni għall-fatt li d-dokumenti msemmija fiha ma humiex "pariri legali", fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tal-imsemmija deċiżjoni.

65 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

66 Għal dak li jirrigwarda t-tieni parti tat-tielet aggravju, għandu jiġi rrilevat li, konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258, l-aċċess għal dokument redatt jew irċevut mill-BĊE intiż għal użu intern fil-kuntest ta' deliberazzjonijiet u ta' konsultazzjonijiet preliminari fi ħdan il-BĊE, jew intiżi għal skambji ta' opinjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali, huwa rrifjutat anki wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, sakemm interess pubbliku superjuri ma jkunx jiġġustifika l-iżvelar tad-dokument.

67 F'dak li jirrigwarda, minn naħa, il-kundizzjoni dwar l-użu intern tad-dokumenti, għandu jitfakkar li d-dokument kontenzjuż intalab mingħand fornitur estern sabiex iżid mar-riflessjonijiet interni tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE u sabiex jagħti appoġġ għad-deliberazzjonijiet u għall-konsultazzjonijiet tiegħu.

68 Għal dan il-għan, għandu jiġi rrilevat li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 huwa redatt fis-sens li jipproteġi d-dokumenti preparatorji interni, minkejja li d-dokument kontenzjuż huwa redatt minn fornitur estern, sa fejn din id-dispożizzjoni tirreferi espliċitament għal dokument "irċevut" mill-BĊE.

69 Barra minn hekk, kif ippreċiżat ġustament il-Qorti Ġenerali, fil-punt 49 tas-sentenza appellata, fid-deċiżjoni kontenzjuża ġie sostnut mhux li d-dokument kontenzjuż huwa dokument intern, iżda li huwa intiż għal użu intern.

70 Għaldaqstant, kien b'mod ġust li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 41 tas-sentenza appellata, li l-BĊE seta' validament iqis li d-dokument kontenzjuż kien dokument intiż għal użu intern, fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258.

71 Min-naħa l-oħra, il-kliem tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 ma jistax jinqara bħala li jirriżerva l-protezzjoni li dan jinkludi biss għad-dokumenti marbuta ma' proċess deċiżjonali preċiż. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tippreżumi biss li dokument jintuża "bħala parti mid-deliberazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet preliminari fi ħdan il-BĊE". Issa, kif isostni l-BĊE, għalkemm id-deliberazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet preliminari jistgħu jikkonċernaw proċedura konkreta, dawn jistgħu wkoll ikollhom għan iktar wiesa' u jikkonċernaw kwistjonijiet ta' natura ġenerali. F'dan is-sens, billi tirreferi wkoll għad-dokumenti intiżi għal skambji ta' opinjonijiet bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali, l-imsemmija dispożizzjoni għandha l-effett li tkopri, b'mod wiesa', id-dokumenti marbuta ma' proċessi interni tal-BĊE.

72 Tali interpretazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 ma tistax titqiegħed inkwistjoni mis-soluzzjoni adottata fis-sentenza tat-13 ta' Lulju 2017, Saint-Gobain Glass Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-60/15 P, EU:C:2017:540), li fuqha jibbażaw ruħhom l-appellanti.

73 F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment iddeċidiet li ma kienx possibbli li jiġi rrifjutat l-aċċess għal dokument abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 ħlief sa fejn il-proċess ta' deċiżjoni jkun jirrigwarda t-teħid ta' deċiżjoni.

74 Issa, b'differenza minn dan ir-regolament, u bil-kontra ta' dak li jsostnu l-appellanti f'dan ir-rigward, l-għan tal-protezzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 ma huwiex identiku. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tad-Deċiżjoni 2004/258 tirreferi għad-deliberazzjonijiet u għall-konsultazzjonijiet preliminari fi ħdan il-BĊE filwaqt li tali riferiment ma jinsabx fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001.

75 Barra minn hekk, għalkemm l-Artikolu 4(3) ta' dan ir-regolament jissuġġetta r-rifjut ta' aċċess għal dokument għall-fatt li dan tal-aħħar jirrigwarda "kwistjoni fejn id-deċiżjoni ma ttieħditx mill-istituzzjoni", l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 ma jinkludix tali preċiżazzjoni. Għall-kuntrarju, fil-kuntest tad-Deċiżjoni 2004/258, il-BĊE għalhekk kellu l-intenzjoni jagħti protezzjoni għad-dokumenti tiegħu anki fil-każ ta' proċess deċiżjonali komplet peress li, skont din l-aħħar dispożizzjoni, l-aċċess għad-dokument huwa rrifjutat "anki wara" li d-deċiżjoni tkun ittieħdet.

76 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-BĊE, permezz tad-Deċiżjoni 2004/258, għażel li jagħti dritt ta' aċċess għad-dokumenti tiegħu, bla ħsara għall-kundizzjonijiet u għal-limiti ddefiniti minnha. L-istess deċiżjoni hija intiża għalhekk li żżomm dan id-dritt ta' aċċess, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-ispeċifiċità ta' din l-istituzzjoni li, skont l-Artikolu 130 TFUE, għandha tkun tista' tilħaq b'mod effettiv l-għanijiet assenjati lill-kompiti tagħha permezz tal-eżerċizzju indipendenti tas-setgħat speċifiċi li hija għandha għal dawn il-finijiet skont it-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ.

77 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-kuntest ġuridiku dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-BĊE previst mit-Trattati jvarja, bis-saħħa tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE, skont jekk il-BĊE jaqdix jew le funzjonijiet amministrattivi. Issa, anki jekk ir-regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet suġġetti għal dan is-subparagrafu għandhom jittieħdu b'mod konformi mar-Regolament Nru 1049/2001, dokument bħad-dokument kontenzjuż, li jinkludi konsultazzjoni legali dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14(4) tal-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-BĊE, ma jistax jitqies li huwa marbut mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet amministrattivi tal-BĊE.

78 Minn dan isegwi li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 iqis ir-rifjut ta' aċċess għal dokument biss fir-relazzjoni tiegħu ma' deċiżjoni konkreta, filwaqt li, fil-kuntest tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258, il-protezzjoni ta' kunfidenzjalità tad-dokumenti tal-BĊE hija ggarantita anki meta dawn id-dokumenti ma jagħmlux parti mill-proċess ta' adozzjoni ta' tali deċiżjoni.

79 Huwa għalhekk skont interpretazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 li ma fihiex żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti fl-ewwel istanza tal-appellanti.

80 Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata, u t-tielet aggravju għandu, konsegwentement, jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq ir-raba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

81 Permezz tar-raba' aggravju tagħhom, l-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali injorat, fil-punti 62 sa 72 tas-sentenza appellata, l-eżistenza ta' interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar tad-dokument kontenzjuż.

82 F'dan ir-rigward, l-appellanti jsostnu li, anki jekk il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 kienu ssodisfatti, xorta jibqa' l-fatt li kien jeżisti interess pubbliku superjuri għall-iżvelar tad-dokument kontenzjuż.

83 Jargumentaw f'dan is-sens kunsiderazzjonijiet marbuta mal-istħarriġ tal-legalità tal-azzjoni tal-BĊE. Fil-fatt, il-konstatazzjoni ta' illegalità eventwali ta' deċiżjoni tal-BĊE taqa' taħt l-interess pubbliku. Barra minn hekk, mill-premessa 1 tad-Deċiżjoni 2004/258 jirriżulta li trasparenza ikbar twassal għal parteċipazzjoni aħjar taċ-ċittadini fil-proċessi deċiżjonali. Fl-aħħar nett, huma jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li bbilanċjat l-interessi preżenti mingħajr ma indikat konkretament u b'mod sostanzjat liema preġudizzju jsir lill-interessi tal-BĊE.

84 Barra minn hekk, l-appellanti jikkunsidraw li, billi ddeċidiet li l-prova ta' preġudizzju serju għall-proċess deċiżjonali ma kinitx meħtieġa u billi b'hekk naqqset l-istħarriġ ġuridiku tagħha għall-istħarriġ tal-abbuż ta' poter, il-Qorti Ġenerali bbażat l-istħarriġ tal-eżistenza ta' interess pubbliku fuq kriterju żbaljat. Fil-fatt, l-eżistenza ta' riskju jew ta' preġudizzju serju la ġiet stabbilita fir-rigward tal-protezzjoni tal-parir legali u lanqas fir-rigward tal-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali intern.

85 Għaldaqstant, bil-kontra ta' dak li qieset il-Qorti Ġenerali, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' elementi astratti u purament ipotetiċi ma huwiex biżżejjed sabiex jiġġustifika r-riskju ta' preġudizzju għall-interess protett.

86 Il-BĊE jqis li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli u, sussidjarjament, bħala infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

87 Fir-rigward ta' dan l-aggravju, għandu jiġi kkonstatat li l-argumenti tal-appellanti dwar iċ-ċaħda mill-Qorti Ġenerali tal-eżistenza ta' interess pubbliku superjuri jirriproduċu dawk diġà mressqa fl-ewwel istanza. Għaldaqstant, permezz tal-argumenti tagħhom, l-appellanti jfittxu, fil-verità, li jiksbu sempliċi eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, u dan ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2015, Lito Maieftiko Gynaikologiko kai Cheirourgiko Kentro vs Il-Kummissjoni, C-506/13 P, EU:C:2015:562, punti 62 u 63).

88 Fir-rigward tal-argument tal-appellanti li kien l-obbligu tal-BĊE li jistabbilixxi li kien hemm preġudizzju serju għall-proċess deċiżjonali, dan huwa bbażat fuq premessa żbaljata, peress li, fil-kuntest tal-eċċezzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258, tali prova ma hijiex meħtieġa, u dan diġà ġie rrilevat fil-punt 43 ta' din is-sentenza. Hekk kif jirriżulta minn dan il-punt l-argument tal-appellanti dwar il-prova ta' preġudizzju serju għall-proċess deċiżjonali huwa ineffettiv.

89 Konsegwentement, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment ineffettiv.

90 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-ebda wieħed mill-aggravji mressqa mill-appellanti insostenn tal-appell tagħhom ma jista' jintlaqa'.

91 Għaldaqstant, l-appell għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

92 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-istess Regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-appellanti tilfu, hemm lok li jiġu ordnati jbatu l-ispejjeż, kif mitlub mill-BĊE.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Fabio De Masi u Yanis Varoufakis huma kkundannati għall-ispejjeż.

Firem